# BORD LI JIRREGOLA L-QBEJJEL GHALL-GZEJJER TA' GHAWDEX U KEMMUNA

## CHARIMAN: MAGISTRAT DR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors numru 1/1997**

**Pawlu Vella u Maria Assunta Vella u b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru 1997 l-isem ta' Maria Assunta Vella gie sostitwi bl-isem ta' Maria Assunta Mifsud**

**-vs-**

**Maria armla ta' Francis Cassar, Ursola mart Paul Azzopardi, Francesca xebba u Diana xebba Cassar**

Illum 12 ta' April 2000

Ic-Chairman;

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimati porzjon mill-art maghrufa bhala "Ta' Ghajn Hosna" fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex bil-kejl ta' seba' mija u hamsin metri kwadri (750m.k.) li tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Franceso Attard, mill-punent ma' passagg, lvant ma' beni ta' Francesco Attard u minn nofsinhar ma' beni ta' Carmela Buttigieg u dan versu l-kera ta' lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1.50) fis-sena li jithallsu fil-hmistax (15) ta' Awissu ta' kull sena b'lura.

Illi huma jinhtiegu din ir-raba ghall-uzu taghhom sabiex tigi kkultivata minnhom u mill-familjari taghhom u certament il-hardship taghhom, li kieku din it-talba tigi michuda, ikun ferm ikbar minn dak ta' l-intimati jekk ir-rikors odjern kellu jigi milqugh.

Talbu li dan il-Bord joghgbu previa l-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens li talvolta jirrizulta dovut jawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-iskdenza li jmisz ma jgeddux din il-kirja u jirriprendu l-pussess ta' l-art fuq deskritta.

Ra r-risposta ta' l-intimati li biha qalu li d-domanda ghandha tigi michuda peress illi r-rikorrenti jridu jippruvaw il-bzonn ghar-raba in

kwestjoni u mbaghad, una volta jigi stabbilit xi grad ta' bzonn li l-hardship taghhom huwa aktar minn dak ta' l-intimati.

Ra l-verbal tax-xhieda prodotti.

Ra l-atti l-ohra kollha tar-rikors.

Ikkunsidra:

Illi permezz tar-rikors prezenti taghhom ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li jigu awtorizzati jiehdu lura l-pussess tar-raba imqabbla lill-intimati u ndikata fl-istess rikors. Din it-talba qed jaghmluha peress illi jghidu li ghandhom bzonn din ir-raba aktar mill-intimati u li l-hardship taghhom ikun akbar minn dak ta' l-intimati jekk it-talba tigi michuda.

Irrizulta mill-provi prodotti illi r-raba in kontestazzjoni tappartjeni bi proprjeta' kwantu ghal nofsha lir-rikorrenti Pawlu Vella u kwantu ghan-nofs l-iehor lil ohtu r-rikorrenti Maria Mifsud. Dwar Pawlu Vella ntqal li huwa *wheel-chair bound* u ghalhekk certament mhux f'posizzjoni li jahdem raba. Madankollu r-rikorrenti jghid li ghandhom bzonn din r-raba sabiex tkun tista' tigi kkultivata mill-ulied subien tar-rikorrenti Mfisud. Dawn iddikjaraw ruhhom bhala *full time farmers*, li f'xi okkazzjonijiet jaghmlu ukoll xoghol ta' burdnara. Ir-rikorrenti Mifsud tghix fid-dar taghha flimkien mal-hames uliedha, tliet subien u zewgt ibniet. Hadd minnhom m'hu mizzewweg u l-bniet ma jahdmux. Ir-rikorrenti Mfisud tircievi l-pensjoni tal-Gvern. F'idejhom ghandhom cirka erbat itmiem raba qbiela koltivabbli, li huma jahdmu ghall-bzonnijiet tal-familja.

F'dawn ic-cirkostanzi l-bzonn tar-rikorrenti li jiehdu din ir-raba sabiex ikunu jistghu izidu l-introjtu taghhom huwa adegwatmament ippruvat.

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi stabbiilt il-hardhip rispettiv tal-partijiet, halli mbaghad tittiehed decizjoni dwar min minnhom l-aktar li jista' jbati konsegwenza ta' jekk it-talba ghar-ripresa tintlaqax jew le.

Irrizulta minn naha l-ohra illi l-intimata Maria Cassar tircievi ukoll pensjoni governattiva fl-ammont ta' madwar mija u ghaxar liri (Lm110) fix-xahar. Fid-dar taghha tghix flimkien ma' zewg uliedha xebbiet li t-tnejn ghandhom l-impieg regolari taghhom. Ghadndha wkoll tifla mizzewga li tghix ghar-rasha, flimkien mar-ragel taghha li huwa mpjegat mal-Planning Authority. Ir-raba in kwestjoni l-intimata Cassar tahdmu bl-ghajnuna tar-ragel tat-tifla u l-wicc tieghu tuzah ghall-bzonnijiet tal-familja u meta jibqa' gieli tbiegh b'xi tletin lira (Lm30) patata milli tkun hadet minn din ir-raba. F'idejha ghandha wkoll cirka tlett itmiem raba ohra qbiela li tahdem ukoll bl-ghajnuna tar-ragel tat-tifla. Ghalkemm missierha kien jipposjedi madwar ghoxrin (20) tomna, in parti franka u in

parti qbiela, ma saritx qasma bejn l-ahwa, u dan ir-raba ghadu jinhadem minn hutha s-subien.

Jidher ghalhekk illi ma jistax jinghad b'konvizjoni illi l-ghejxien tal-intimati jiddependi b'xi mod sostanzjali mir-raba in kwestjoni. Ma giex specifikat kemm jikkalkulaw li jhallilhom dhul il-wicc li jiehdu minn din ir-raba. Intqal biss li l-parti l-kbira juzawh ghall-borma u meta jifdal xi haga zejda jbieghuha u jibqa' xi tletin lira (Lm30). Madanakollu ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi b'xi mod jew iehor, l-intimati qeghdin jiehdu xi benefeiccju mill-koltivazzjoni ta' din ir-raba. Imma jista' jinghad illi jekk tittehdilhom l-istess raba biex tinghata lir-rikorrenti, dawn ser isofru xi pregudizzju sostanzjali fil-livell ta' l-ghejxien taghhom? Irrizulta illi l-intimati kollha ghandhom dhul regolari u ma jiddependux mir-raba biex jghixu.

Minn naha l-ohra insibu ili fil-familja tar-rikorrenti Maria Mifsud, m'hemm hadd bi dhul fiss, apparti l-istess rikorrenti Mifsud li tircievi pensjoni tal-Gvern. Bhala *full time farmers* l-ulied subien taghha jkunu jistghu jisfruttaw ahjar ir-raba in kwestjoni jekk din terga tigi f'idejhom, milli forsi qeghdin jaghlu l-intimati li jiehdu minnha biss haxix ghall-boma, u dana anke a bazi tal-principju illi ***"he best results of husbandry are bound to be obtained by the owner himself"*** (vide Abensour & Moral Lopez: Principles of Land Tenancy legislation).

Fil-fehma tieghu, ic-Chairman ihoss ghalhekk illi f'tali cirkostanzi, il-hardhship tar-rikorrenti jkun akbar minn dak ta' l-intimati jekk it-talba taghhom tigi michuda, milli kieku tkun dik ta' l-intimati jekk it-talba tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi r-Rikors billi jilqa' t-talba ghar-ripresa tal-pussess mir-rikorrenti tar-raba indikata fir-rikors. It-terminazzjoni tal-qbiela u r-ripresa tar-raba *de quo* ghandha ssehh b'effett mill-iskadenza li jmiss u cioe' mill-hmistax (15) ta' Awissu 2000.

Ghall-fini tal-kumpens dovut mir-rikorrenti lill-intimati u li jrid jigi likwidat ghall-benefikati talvolta maghmula minnhom fir-raba *de quo* fit-tmien (8) snin konsekuttivi ta' qabel din id-data ta' terminazzjoni, qed jigu nominati l-AIC Renato Laferla u s-Sur Anthony Borg li ghandhom jirrelataw fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. Iz-zmien stipulat bl-artikolu 4(6) tal-Kap. 1999 ghall-hlas ta' dan il-kumpens, ghandu jibda jghaddi mid-data li fiha l-esperti teknici jkunu halfu r-rapport taghhom, li ghandu jitqies bhala parti integrali minn din id-decizjoni.

L-ispejjez ta' dan ir-Rikors ghandhom ibaghtuhom l-intimati, hlief ghal dawk ta' l-esperti teknici hawn fuq nominati, li jridu jigu ssoportati mir-rikorrenti stess.

(ft.) Paul Coppini

Magistrat

(Ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur